IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.10.2020
COM(2020) 629 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam (ir-Regolament tal-UE dwar l-Injam)

Rapport biennali għall-perjodu Marzu 2017 - Frar 2019

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam (ir-Regolament tal-UE dwar l-Injam)

Rapport biennali għall-perjodu Marzu 2017 - Frar 2019

1. Introduzzjoni

L-Unjoni Ewropea (UE) adottat ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam[1] (minn hawn 'il quddiem 'l-EUTR') bħala parti mill-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali (FLEGT)[2].

Il-kummerċ tal-injam għandu rwol sinifikanti fl-UE. Skont l-Eurostat, 2,3 biljun tunnellata ta' injam u prodotti tal-injam[3] (li jiswew aktar minn EUR 1.3 triljun) tqiegħdu fis-suq intern fl-2008-2018; 25 % ta' dan l-injam ġie importat minn barra l-UE, u ftit mill-kummerċ li jifdal ġewwa l-UE jista' jkun fl-injam jew fi prodotti tal-injam oriġinarjament importati fl-UE. L-industriji tal-UE bbażati fuq l-injam, kif imkejla mill-valur miżjud gross, ammontaw għal EUR 129 biljun u impjegaw 3,1 miljun persuna fl-2018 (7,1 % u 10,5 % tat-total tal-manifattura rispettivament), bl-eċċezzjoni tar-Renju Unit[4].

L-EUTR daħal fis-seħħ fl-UE f'Marzu 2013. Bħala miżura tal-kummerċ, dan huwa rilevanti għaż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u għalhekk huwa applikabbli fl-Iżlanda, fil-Liechtenstein u fin-Norveġja.

L-EUTR jistabbilixxi tliet obbligi ewlenin:

1. Huwa jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq intern għall-ewwel darba fil-kors ta' attività kummerċjali ("tqegħid fis-suq") ta' injam maħsud illegalment (jiġifieri injam maħsud bi ksur tal-leġiżlazzjoni applikabbli fil-pajjiż tal-ħsad) jew prodotti tal-injam derivati minn tali injam ("projbizzjoni");

2. Dan jirrikjedi li l-operaturi li jqiegħdu injam u prodotti tal-injam fis-suq intern jimplimentaw sistema ta' diliġenza dovuta u, fuq dik il-bażi, jeżerċitaw "diliġenza dovuta". L-operaturi jridu jwettqu eżerċizzju ta' ġestjoni tar-riskju li jiżgura li injam maħsud legalment biss (jiġifieri injam maħsud skont il-leġiżlazzjoni applikabbli fil-pajjiż tal-ħsad) jew prodotti tal-injam li ġejjin minn dan l-injam jitqiegħdu fis-suq intern jew injam u prodotti tal-injam, fejn ir-riskju ta' ħsad illegali huwa, l-aktar, negliġibbli, u dan jiġi ddokumentat[5] ("obbligi ta' diliġenza dovuta");

[1] ĠU L 295, 12.11.2010, p. 23–34, verżjoni konsolidata: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:02010R0995-20200101

[2] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew - Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali (FLEGT) - Proposta għal Pjan ta' Azzjoni tal-UE, COM/2003/0251 finali

[3] Injam u prodotti tal-injam kif ikklassifikati fin-nomenklatura magħquda stabbilita fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 li għalih japplika l-EUTR.

[4] Eurostat 2020, Prodotti tal-injam u kummerċ taħt attività (NACE Rev 2) manifattura (industriji bbażati fuq l-injam (manifattura tal-injam u prodotti tal-injam (16) +manifattura tal-polpa, tal-karta u tal-prodotti tal-karta (17) + attivitajiet ta' stampar u ta' servizz relatati mal-istampar (18.1) + manifattura tal-għamara (31)) (dawn jinkludu stimi), http://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Wood_products_-_production_and_trade

[5] L-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 607/2012 tas-6 ta' Lulju 2012 dwar ir-regoli dettaljati li jikkonċernaw is-sistema ta' diliġenza dovuta u l-frekwenza u n-natura tal-kontrolli fuq l-organizzazzjonijiet ta' monitoraġġ kif stipulat fir-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq l-injam u prodotti tal-injam (Test b'rilevanza

3. Huwa jirrikjedi li l-kummerċjanti ta' injam u ta' prodotti tal-injam diġà mqiegħda fis-suq intern iżommu rekords tal-forniturі u tal-klijenti tagħhom ("obbligu ta' traċċabilità").

Sal-perjodu preżenti ta' rappurtar, minn Marzu 2017 sa Frar 2019 inklużi, l-Artikolu 20(2) tal-EUTR irrikjeda li l-Kummissjoni tfassal rapport ibbażat fuq l-informazzjoni ppreżentata mill-Istati Membri fir-rapporti biennali tagħhom, u li tippreżentah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull sentejn[6]. Dan ir-rapport jipprovdi analiżi tar-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-EUTR ippreżentati mit-28 pajjiż kollha, li kienu Stati Membri tal-UE matul il-perjodu ta' rappurtar kollu, u n-Norveġja[7]. Dan jipprovdi dettalji dwar kif l-EUTR qiegħed jiġi implimentat madwar l-UE u fiż-ŻEE (minn hawn 'il quddiem "is-suq intern") u jiddeskrivi konklużjonijiet. Barra minn hekk, dan ir-rapport iqis il-progress li sar fir-rigward tal-Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja dwar Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali, ftehimiet kummerċjali li jorbtu legalment bejn l-UE u pajjiżi barra mill-UE li jipproduċu l-injam u l-kontribut tagħhom sabiex inaqqsu l-preżenza ta' injam u prodotti tal-injam maħsuda b'mod illegali fis-suq intern.

2. Implimentazzjoni – stat ta' ħidma

2.1 Il-Ħatra tal-Awtoritajiet Kompetenti

Skont l-Artikolu 7(1) tal-EUTR, il-pajjiżi huma meħtieġa jaħtru Awtorità Kompetenti waħda jew aktar li jkunu responsabbli b'mod partikolari biex iwettqu kontrolli f'intervalli regolari dwar il-konformità tal-operaturi mal-EUTR skont l-Artikolu 4 tal-EUTR (projbizzjoni) u l-Artikolu 6 tal-EUTR flimkien mal-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar l-organizzazzjonijiet ta' diliġenza dovuta u monitoraġġ (obbligi ta' diliġenza dovuta). Il-pajjiżi kollha tar-rappurtar, kif ukoll il-Liechtenstein u l-Iżlanda pprovdew dettalji dwar l-Awtoritajiet Kompetenti maħtura[8]. L-istrutturi istituzzjonali, is-setgħat legali u l-istatus tal-awtoritajiet maħtura jvarjaw bejn il-pajjiżi minħabba l-oqfsa legali u istituzzjonali differenti tagħhom.

Skont ir-rapporti, għall-injam importat, l-Awtoritajiet Kompetenti nazzjonali għandhom ir-responsabbiltà unika li jwettqu kontrolli fuq operaturi fi 18-il pajjiż; għall-injam domestiku, dan huwa l-każ fi 11-il pajjiż. Ir-responsabbiltà li jitwettqu kontrolli fuq l-operaturi ġiet iddelegata parzjalment jew bis-sħiħ lill-Awtoritajiet Kompetenti reġjonali f'10 pajjiżi għall-injam domestiku u f'7 pajjiżi għall-injam importat. F'xi każijiet, awtoritajiet oħrajn, bħad-dwana u l-pulizija, jistgħu jappoġġaw il-kontrolli.

2.2 Il-pieni kif definiti fis-sistemi legali nazzjonali

Skont l-Artikolu 19 tal-EUTR, il-pajjiżi huma meħtieġa li jistabbilixxu r-regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-EUTR; il-pieni għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Huma wkoll meħtieġa li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li dawn ir-regoli jiġu implimentati. Il-pajjiżi rapportaturi kollha pprovdew dettalji tal-qafas legali tagħhom.

---

għaż-ŻEE), ĠU L 177, 7.7.2012, p. 16–18, minn hawn 'il quddiem "Regolament ta' Implimentazzjoni fuq id-diliġenza dovuta u l-organizzazzjonijiet ta' monitoraġġ".

[6] L-Artikolu 20 tal-EUTR kien emendat mill-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2019/1010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar l-allinjament tal-obbligi ta' rapportar fil-qasam tal-leġislazzjoni relatata mal-ambjent u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 166/2006 u (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 2002/49/KE, 2004/35/KE, 2007/2/KE, 2009/147/KE u 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 u (KE) Nru 2173/2005, u d-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 170, 25.6.2019, p. 115-127. Daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2020. Ir-rapporti tal-Istati Membri issa jkopru sena kalendarja waħda. Għalhekk, xi Stati Membri għażlu li jirrappurtaw dwar is-sentejn kalendarji 2017 u 2018 minflok il-perjodu minn Marzu 2017 sa Frar 2019.

[7] Ma wasal l-ebda rapport mill-Iżlanda u mil-Liechtenstein.

[8] Ara http://ec.europa.eu/environment/forests/pdf/list_competent_authorities_eutr.pdf

Il-pajjiżi rapportaturi kollha pprovdew informazzjoni dwar il-firxa ta' pieni għal ksur potenzjali tal-EUTR[9]. Il-pieni jistgħu jkunu kemm amministrattivi kif ukoll kriminali f'9 pajjiżi, amministrattivi biss fi 11-il pajjiż, u kriminali biss f'7 pajjiżi.

Fi 28 pajjiż, jistgħu jinħarġu avviżi ta' azzjoni ta' rimedju jew simili (il-pajjiżi rapportaturi kollha minbarra l-Italja) meta jiġu skoperti xi nuqqasijiet. Dawn jippermettu lill-operaturi jaġġustaw is-sistema ta' diliġenza dovuta tagħhom qabel ma jiġu kkontrollati mill-ġdid. Dawn jistgħu jiġu kkombinati ma' miżuri interim bħall-konfiska tal-injam jew il-projbizzjoni li dan jitqiegħed fis-suq intern.

Dettalji dwar il-multi applikabbli għall-ksur tal-EUTR ġew ipprovduti minn 29 pajjiż; dawn ivarjaw mill-ammont żgħir ta' EUR 50 u jitilgħu sa multi mingħajr limitu (ara l-Illustrazzjoni 1). L-ikbar multi rrappurtati huma dawk relatati mal-projbizzjoni tal-injam maħsud b'mod illegali u prodotti tal-injam li ġejjin minn tali injam fis-suq intern:

- Sa EUR 100 000: L-Awstrija, il-Bulgarija, il-Kroazja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, il-Litwanja, Malta, il-Portugall, ir-Rumanija u s-Slovenja;

- Sa EUR 1 000 000: Ir-Repubblika Ċeka, Franza, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Polonja, is-Slovakkja u Spanja;


- Iktar minn EUR 1 000 000: Il-Belġju, L-Estonja.

Id-Danimarka, il-Finlandja u l-Iżvezja rrappurtaw li ma għandhomx limitu stabbilit. Ma hemm ukoll l-ebda limitu massimu għall-multi kriminali fil-Ġermanja (ksur tal-projbizzjoni) u fir-Renju Unit (ksur tal-projbizzjoni jew tal-obbligi ta' diliġenza dovuta).

Il-konfiska tal-injam jew ta' prodott/i tal-injam ġiet irrappurtata bħala piena potenzjali minn 23 pajjiż, filwaqt li 17-il pajjiż jistgħu jissospendu l-awtorizzazzjoni għall-kummerċ.

Il-ksur tal-EUTR huwa punibbli permezz ta' priġunerija fi 17-il pajjiż, b'10 snin bħala l-itwal sentenza potenzjali massima (il-Greċja).

[9] Meta l-informazzjoni ma ġietx inkluża fir-rapport nazzjonali, informazzjoni addizzjonali intalbet mill-awtoritajiet nazzjonali.



Illustrazzjoni 1: **Multi amministattivi** massimi maħruġa lill-operaturi bħala riżultat ta' ksur relatat mal-obbligi li tiġi eżerċitata d-diliġenza dovuta, il-projbizzjoni li jitqiegħed injam u prodotti tal-injam maħsuda illegalment li ġejjin minn dan l-injam fis-suq, u l-obbligu ta' traċċabilità fil-katina tal-provvista għall-EUTR, fejn speċifikat. Ma tressaq l-ebda rapport nazzjonali mill-Iżlanda u mil-Liechtenstein.Spjega: *= l-ebda limitu massimu għal multi għal ksur tal-projbizzjoni, id-diliġenza dovuta u t-traċċabbiltà; ** = l-ebda limitu massimu għall-multi għal ksur tal-projbizzjoni u d-diliġenza dovuta.

Għall-maġġoranza tal-pajjiżi li jirrappurtaw dwar leġiżlazzjoni komparabbli (eż. liġijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament FLEGT[10] jew għar-Regolament dwar il-Kummerċ ta' Organiżmi Selvaġġi[11]), multi previsti għal ksur tal-EUTR huma ta' livell simili għal dawk imposti għal ksur tal-leġiżlazzjoni komparabbli.

2.3 Kontrolli fuq operaturi, kummerċjanti u organizzazzjonijiet ta' monitoraġġ

2.3.1 Stima tan-numru ta' operaturi

Tnejn u għoxrin pajjiż ipprovdew stimi tan-numru totali ta' operaturi (ara t-Tabella 1). Importanti li wieħed jinnota li, filwaqt li dan mhuwiex rekwiżit tal-EUTR, xi pajjiżi jeħtieġu li l-operaturi jkunu rreġistrati. F'pajjiżi oħrajn, l-istimi huma bbażati fuq varjetà ta' sorsi (data doganali u databases jew reġistri nazzjonali oħrajn, inklużi permessi għall-qtugħ). Barra minn hekk, in-numru ta' operaturi jiddependi fuq id-daqs tal-industrija tal-injam ta' kull pajjiż u fuq l-istruttura tas-settur forestali tiegħu. Barra minn hekk, iċ-ċifri dwar in-numru ta' operaturi mhumiex dejjem komparabbli direttament peress

[10] Ir-Regolament (KE) Nru 2173/2005[11] tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' skema ta' liċenzjar FLEGT għall-importazzjoni tal-injam fil-Komunità Ewropea

[11] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom

li wħud mill-istimi jistgħu jinkludu biss operaturi attivi, filwaqt li oħrajn jinkludu operaturi li jista' jkun li ma għadhomx attivi. L-operaturi jistgħu wkoll ivarjaw f'termini ta' daqs, livell ta' riskju fil-ktajjen tal-provvista, frekwenza tal-importazzjonijiet tal-injam u kwantitajiet u valur tal-injam importat.

Tabella 1: In-numru totali ta' operaturi li jqiegħdu injam domestiku, importat jew iż-żewġ tipi fis-suq intern matul il-perjodu ta' rapportar, skont il-pajjiż (*pajjiżi li jirrapportaw għall-perjodu Marzu 2017 sa Frar 2019; il-pajjiżi l-oħrajn irrappurtaw għal Jannar 2017 sa Diċembru 2018). [In-numri bil-korsiv huma stmati. Xi pajjiżi rrappurtaw l-esklużjoni ta' xi persuni fiżiċi jew ġuridiċi minn dawn l-istimi jew għadd ta' operaturi skont it-tifsira tal-EUTR, għal diversi raġunijiet].

Pajjiż	Operaturi domestiċi	Operaturi importaturi	Operaturi domestiċi u importaturi	Esklużjonijiet / Kummenti
L-Awstrija*	*140 000*	*7 000*	mhux magħruf	Numru mhux magħruf ta' operaturi domestiċi eskluži minħabba li sidien żgħar ħafna ta' foresti ma kinux inklużi fl-Istħarriġ dwar l-Istruttura tal-Farms (dawn is-sidien tal-foresti ma kinux inklużi fil-pjan għall-kontrolli, madankollu, is-sidien tal-foresti kollha kienu koperti mill-ispettorat tal-foresti li jinforza l-leġiżlazzjoni tal-foresti inkluż l-EUTR). Numru mhux speċifikat ta' operaturi importaturi eskluži minħabba li ma kellhomx numru EORI u/jew numru tal-VAT (dawn l-importazzjonijiet mhumiex eskluži per se iżda jitqiesu fl-approċċ ibbażat fuq ir-riskju)
Il-Belġju	*2 340*	*4 800*	mhux magħruf	Ma hemm l-ebda informazzjoni dettaljata disponibbli dwar l-operaturi domestiċi
Il-Bulgarija*	*4 000*	mhux magħruf	mhux magħruf	Ma hemm l-ebda reġistru ta' operaturi importaturi
Il-Kroazja	mhux magħruf	3 589	mhux magħruf	
Ċipru	62	780	2	
Ir-Repubblika Ċeka*	*300 000*	*2 500*	mhux magħruf	
Id-Danimarka*	*24 000*	3 889	(24 000)	"Virtwalment ebda" operatur domestiku ma huwa wkoll operatur importatur, iżda < 1 % tal-operaturi importaturi huma wkoll operaturi domestiċi
L-Estonja	*10 000*	*450*	1	20 operatur domestiku eskluži minħabba li l-volum ta' injam li jitqiegħed fis-suq huwa inqas minn ċertu limitu
Il-Finlandja	*350 000*	*2 000*	mhux magħruf	
Franza	*5 000*	*14 000*	mhux magħruf	
Il-Ġermanja	*2 000 000*	*27 000*	mhux magħruf	
Il-Greċja*	*1 600*	1 228	mhux magħruf	Għadd mhux speċifikat ta' operaturi domestiċi eskluži bħala persuni fiżiċi li jqiegħdu injam fis-suq ma ngħaddux
L-Ungerija	*46 946*	*2 920*	246	
L-Iżlanda	L-ebda rapport nazzjonali ma ġie ppreżentat			
L-Irlanda*	mhux magħruf	*2 169*	mhux magħruf	Għadd mhux speċifikat ta' operaturi importaturi eskluži bħala persuni fiżiċi li jqiegħdu injam fis-suq ma ngħaddux. Għadd mhux speċifikat ta' operaturi importaturi eskluži minħabba li importaw darba biss matul perjodu ta' 12-il xahar. L-operaturi eskluži xorta jistgħu jkunu soġġetti għal kontrolli
L-Italja	mhux magħruf	30 210	mhux magħruf	Il-lista nazzjonali tal-operaturi tal-EUTR għadha qed tiġi kkumpilata
Il-Latvja	*135 000*	400	mhux magħruf	Għadd mhux speċifikat ta' operaturi importaturi eskluži minħabba li l-valur annwali tal-importazzjoni tagħhom kien taħt ċertu limitu (dawn l-operaturi jistgħu xorta waħda jkunu soġġetti għal kontrolli)
Il-Liechtenstein	L-ebda rapport nazzjonali ma ġie ppreżentat			
Il-Litwanja	*17 000*	1 481	mhux magħruf	
Il-Lussemburgu	*400*	484	0	
Malta	0	*750*	0	
In-Netherlands	*100*	*4 900*	mhux magħruf	
In-Norveġja	120 000	5 500	mhux magħruf	
Il-Polonja	mhux magħruf	*8 000*	mhux magħruf	
Il-Portugall	*1056*	*4 144*	mhux speċifikat	Ir-reġistrazzjoni hija obbligatorja għall-operaturi. Is-sistema ta' reġistrazzjoni attwali ma tikkategorizzax formalment lill-operaturi bħala domestiċi jew importaturi, għalkemm din il-karatteristika


Pajjiż	Operaturi domestiċi	Operaturi importaturi	Operaturi domestiċi u importaturi	Esklużjonijiet / Kummenti
				dalwaqt se tkun disponibbli. Sadanittant, l-istimi huma bbażati fuq il-klassifikazzjoni ekonomika tal-kumpanija u t-tip ta' prodott imqiegħed fis-suq
Ir-Rumanija*	*3 700*	*161*	mhux speċifikat	
Is-Slovakkja	mhux magħruf	2 550	mhux magħruf	
Is-Slovenja	mhux magħruf	2 124	mhux speċifikat	Kull sid ta' foresta li jbigħ l-injam isir "operatur". Minħabba n-numru ta' sidien ta' foresti, in-numru totali ta' operaturi domestiċi ma setax jiġi stmat. 428 operatur importatur eskludi bħala persuni fiżiċi li jqiegħdu injam fis-suq ma ngħaddux; 670 operatur importatur eskludi billi kienu importaturi barranin
Spanja*	*800*	*6 000*	mhux speċifikat	Għadd ta' operaturi indikaw dan permezz tad-dikjarazzjonijiet responsabbli li huma [għandhom] jissottomettu
L-Iżvezja*	880	4 473	10	Għadd mhux magħruf ta' operaturi domestiċi eskludi jekk il-ħsad kien jikkostitwixxi Qtugħ ta' inqas minn 0.5 ettaru jew traqqiq. 6 100 operatur importatur eskludi bħala persuni fiżiċi li jqiegħdu injam fis-suq ma ngħaddux, lanqas il-kumpaniji b'responsabbiltà limitata, il-kumpaniji ta' sħubija b'responsabbiltà limitata u kumpaniji kummerċjali
Ir-Renju Unit*	mhux magħruf	*6 000*	mhux magħruf	Għadd mhux speċifikat ta' operaturi importaturi eskludi bħala persuni fiżiċi li jqiegħdu injam fis-suq ma ngħaddux

2.3.2 Pjanijiet għal kontrolli fuq operaturi u kummerċjanti

Skont l-Artikolu 10 tal-EUTR, il-pajjiżi huma meħtieġa li jippreparaw u jirrevedu perjodikament il-pjanijiet għall-kontrolli wara approċċ ibbażat fuq ir-riskju, bil-flessibbiltà li jsiru kontrolli addizzjonali b'reazzjoni għal informazzjoni ġdida, bħal tħassib sostanzjat[12]. Dawn huma meħtieġa wkoll li jżommu rekords ta' dawn il-kontrolli (Artikolu 11). Il-pajjiżi kollha kkonfermaw li tali pjanijiet kienu fis-seħħ. Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi li wieġbu rrapportaw li żammew rekords tal-kontrolli fuq il-kummerċjanti (28) u l-organizzazzjonijiet ta' monitoraġġ (16).

Il-pjanijiet għall-kontrolli fuq l-operaturi huma primarjament infurmati mir-reġistri tad-data doganali u mir-reġistri tal-operaturi nazzjonali jew tas-sidien tal-foresti. Il-pajjiżi kollha, meta jiżviluppaw il-pjanijiet tagħhom ibbażati fuq ir-riskju għall-kontrolli, jikkunsidraw firxa ta' kriterji tar-riskju inkluż – fost oħrajn – il-pajjiż tal-ħsad, il-prodott, l-ispeċi u t-tħassib ipprovdut minn partijiet terzi (ara l-Illustrazzjoni 2).

[12] Kwalunkwe informazzjoni rilevanti rigward in-nuqqas ta' konformità mal-EUTR – u appoġġjata bi prova jew evidenza – li tingieb għall-attenzjoni ta' Awtorità Kompetenti.



Illustrazzjoni 2: Il-kriterji tar-riskju kkunsidrati mill-pajjiżi fl-ippjanar tagħhom tal-kontrolli, minn numru ta' pajjiżi li jużawhom fl-ippjanar abbażi tar-riskju tagħhom, għall-kontrolli fuq operaturi domestiċi u operaturi importaturi.

2.3.3 Kontrolli fuq l-operaturi

Bejn Marzu 2017 u Frar 2019, b'kollox saru 17 280 kontroll minn Awtoritajiet Kompetenti fuq operaturi li jqiegħdu injam domestiku fis-suq u 3 976 kontroll fuq operaturi li jqiegħdu injam importat fis-suq.

Għall-injam domestiku, 16-il pajjiż wettqu 80 % jew iktar mill-kontrolli li kienu ppjanaw, u għall-injam impurtat, 21 pajjiż għamlu dan (ara l-Anness għar-rapport).

In-numru ta' kontrolli fuq operaturi li għandhom x'jaqsmu ma' injam domestiku varja b'mod sinifikanti minn pajjiż għall-ieħor, b'xi pajjiżi jirrappurtaw eluf ta' kontrolli u oħrajn jirrappurtaw kontrolli limitati jew ebda kontroll. F'xi pajjiżi, il-kontrolli tal-EUTR huma integrati bħala parti mill-kontrolli mwettqa mill-awtoritajiet responsabbli għall-ġestjoni tal-foresti. F'dawn il-każijiet, il-pajjiżi rrappurtaw b'mod differenti fuq in-numri ta' kontrolli (eż. il-Ġermanja ma rrappurtatx pjanijiet jew numri ta' kontrolli, madankollu rrappurtat għadd ta' sanzjonijiet li kienu qegħdin jiġu applikati). Il-Belġju, il-Kroazja, id-Danimarka, il-Latvja, Malta, in-Netherlands u r-Renju Unit ma wettqux kontrolli fuq operaturi għal injam domestiku, u ddikjaraw għadd ta' raġunijiet, inkluż produzzjoni domestika limitata.


2.3.4 Kontrolli fuq il-kummerċjanti

Tlieta u għoxrin pajjiż ikkontrollaw total ta' 2 333 kummerċjant u l-konformità tagħhom mal-obbligu tat-traċċabilità, bin-numru ta' kontrolli jvarja minn 1 (il-Belġju u s-Slovakkja) sa 683 (il-Bulgarija).

2.3.5 Tħassib sostanzjat

Skont l-Artikolu 10(2) tal-EUTR, minbarra l-kontrolli mwettqa skont pjanijiet ibbażati fuq ir-riskju, jistgħu jsiru kontrolli meta Awtorità Kompetenti jkollha informazzjoni rilevanti fil-pussess tagħha, inkluż abbażi ta' tħassib sostanzjat ipprovdut minn partijiet terzi, dwar il-konformità minn operatur mal-EUTR. Tmintax-il pajjiż irrapportaw li rċivew tħassib sostanzjat dwar l-operaturi, prinċipalment minn organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) u mid-dwana (ara l-Illustrazzjoni 3). Mill-289 operatur identifikati, 282 (98 %) ġew ikkontrollati, u azzjonijiet ta' infurzar ġew implimentati kontra 73 (madwar 26 %) minnhom. F'xi każijiet, il-kontrolli kienu għadhom għaddejjin fiż-żmien tar-rappurtar.

Tħassib sostanzjat ġie rċevut ukoll minn tliet pajjiżi fir-rigward ta' kummerċjanti minn NGOs u minn membri tal-pubbliku. Il-214-il tħassib li waslu kienu jinvolvu 188 kummerċjant, li kollha ġew ikkontrollati (100 %) u ġew applikati 165 penali.



Illustrazzjoni 3: Pajjiżi li jirċievu ħassib sostanzjat rigward operaturi matul il-perjodu ta' rappurtar, inkluż kontrolli sussegwenti u azzjoni ta' infurzar (l-Awstrija, il-Bulgarija, id-Danimarka, ir-Repubblika Ċeka, il-Greċja, l-Irlanda, ir-Rumanija, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit irrappurtaw għall-perjodu minn Marzu 2017 sa Frar 2019; il-bqija tal-pajjiżi rrappurtaw għal Jannar 2017 sa Diċembru 2018). Ma tressaq l-ebda rapport nazzjonali mill-Iżlanda u mil-Liechtenstein.


2.3.6 Azzjoni ta' infurzar li tirriżulta mill-kontrolli

B'kollox ġew identifikati 2 273 ksur; 1 552 ksur relatat ma' injam domestiku, 700 ma' injam importat u 21 ma' injam mhux speċifikat. Il-maġġoranza tal-ksur li jinvolvi injam domestiku kienet relatata mat-tqegħid fis-suq ta' injam maħsud b'mod illegali (1 228), filwaqt li l-maġġoranza tal-ksur li jinvolvi injam importat kienet relatata ma' ksur tar-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta (390).

Minn total ta' 2 450 azzjoni ta' infurzar, il-maġġoranza (1 665) applikat għal injam domestiku, b'762 għal injam importat, u 23 għal injam mhux speċifikat (Illustrazzjoni 4).

Għall-injam domestiku, ġew applikati 488 multa amministrattiva, 231 notifika ta' azzjoni ta' rimedju, 23 sospensjoni, 6 sekwestri u 911-il "penali oħra". Għal injam importat, il-maġġoranza tal-azzjonijiet ta' infurzar kienu avviżi ta' azzjoni ta' rimedju (412) u multi amministrattivi (272); 6 sekwestri, 4 sospensjonijiet kummerċjali u 61 "penali oħra" ġew applikati wkoll. Tlettax-il każ fil-qorti konkluża matul il-perjodu (11 relatati mal-injam importat, 2 mal-injam domestiku).

Kwistjonijiet relatati mat-traċċabilità mill-kummerċjanti tal-injam domestiku wasslu għal 422 avviż ta' azzjoni ta' rimedju, 206 multi amministrattivi, 58 sekwestru, 92 sospensjoni kummerċjali u 20 azzjoni oħra ta' infurzar applikati għall-kummerċjanti. Għall-injam importat, notifika waħda ta' azzjoni ta' rimedju, 32 multa amministrattiva u tliet (3) sekwestri, 17-il sospensjoni kummerċjali u żewġ (2) azzjonijiet oħra ta' infurzar ġew applikati għall-kummerċjanti. Għal 121 notifika ta' azzjoni ta' rimedju u għal 27 penali ma ġiex determinat jekk l-injam kienx importat jew domestiku.



Illustrazzjoni 4: In-numru totali ta' azzjonijiet ta' infurzar meħuda kontra l-operaturi matul il-perjodu ta' rappurtar, skont il-pajjiż, għal dawk il-pajjiżi li rrapportaw li ħadu azzjoni (l-Awstrija, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Greċja, l-Irlanda, ir-Rumanija, Spanja, l-Iżvezja u r-Renju Unit irrapportaw għall-perjodu minn Marzu 2017 sa 2019; il-bqija tal-pajjiżi rrappurtaw għal Jannar 2017 sa Diċembru 2018). It-totali jeskludu 804 każijiet li jikkonċernaw injam domestiku li kienu riferuti lill-pulizija u każijiet li għadhom għaddejjin għal injam importat (il-Latvja), u 26 każ li jikkonċernaw injam importat li rċevew twissija verbali iżda ebda azzjoni ulterjuri s'issa (Malta). Ma tressaq l-ebda rapport nazzjonali mill-Iżlanda u mil-Liechtenstein.

2.3.7 Kontrolli fuq organizzazzjonijiet ta' monitoraġġ

Skont l-Artikolu 8(4) tal-EUTR u l-Artikolu 6(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-organizzazzjonijiet ta' diliġenza dovuta u monitoraġġ, l-Awtoritajiet Kompetenti jenħtieġ li jikkontrollaw lill-organizzazzjonijiet ta' monitoraġġ irreġistrati f'pajjiżhom mill-inqas darba kull sentejn. Sa tmiem il-perjodu ta' rappurtar (Frar 2019), 13-il organizzazzjoni ta' monitoraġġ[13] ġew rikonoxxuti fl-UE.

Il-Ġermanja, l-Italja, il-Latvja u r-Renju Unit wettqu kontrolli fuql-organizzazzjonijiet ta' monitoraġġ kollhabis-sede prinċipali tagħhom f'pajjiżhom. Franza u n-Netherlands, fejn żewġ (2) organizzazzjonijiet ta' monitoraġġ għandhom is-sede reġistrata prinċipali tagħhom, ivverifikaw 1 kull wieħed. L-Estonja u Spanja b'organizzazzjoni ta' monitoraġġ waħda kull wieħed, ma rrappurtawx li wettqu xi kontrolli fuqhom. L-Estonja nnutat li l-operaturi ma kinux qegħdin jużaw is-servizzi tal-organizzazzjoni ta' monitoraġġ u Spanja ddikjarat li l-organizzazzjoni ta' monitoraġġ fil-pajjiż tagħhom ma kinitx qed taġixxi f'din il-kapaċità. L-ebda wieħed mill-kontrolli ma rriżulta f'notifika lill-Kummissjoni ta' kwistjonijiet li jistgħu jwasslu għall-irtirar ta' rikonoxximent bħala organizzazzjoni ta' monitoraġġ.

2.4 Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja (VPAs) ta' FLEGT – kontribut għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-EUTR

Mill-2003, meta l-Pjan ta' Azzjoni FLEGT ġie adottat, seba' VPAs ġew ratifikati (il-Kamerun, ir-Repubblika Afrikana Ċentrali, il-Gana, l-Indoneżja, il-Liberja, ir-Repubblika tal-Kongo u l-Vjetnam) u żewġ VPAs ġew inizjalati (il-Gujana u l-Honduras). Għaddejjin negozjati ma' sitt pajjiżi (il-Côte

[13] http://ec.europa.eu/environment/forests/pdf/List_of_recognised_MOs.pdf

d'Ivoire, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, il-Gabon, il-Laos, it-Tajlandja, il-Malasja). L-Indoneżja hija l-uniku pajjiż tal-liċenzjar FLEGT. Bdiet toħroġ il-liċenzji fil-15 ta' Novembru 2016[14].

Faċilitazzjoni tal-konformità mal-EUTR minħabba l-proċessi tal-VPA li għaddejjin ġiet innotata minn 10 pajjiżi. Barra minn hekk, pajjiż wieħed irrapporta li dawn il-proċessi rriżultaw f'numru mnaqqas ta' kontrolli. Madankollu, 16-il pajjiż innutaw li għad ma kienx hemm sejbiet affidabbli dwar jekk u kif il-proċessi tal-VPA kienu qed jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni u għall-infurzar tal-EUTR.

F'termini tal-kontribut għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-EUTR, il-valutazzjonijiet tal-pajjiżi dwar ir-rilevanza potenzjali tal-proċessi tal-VPA varji (kemm konklużi jew negozjati) varjaw b'mod konsiderevoli, skont il-livelli differenti ta' skopertura kummerċjali. L-Indoneżja, il-Vjetnam, il-Kamerun, u l-Malasja, huma fost il-proċessi tal-VPA li l-aktar li jitqiesu ta' rilevanza għolja jew medja. Ir-rilevanza potenzjali tal-VPAs mal-Guyana, il-Honduras, il-Laos, u l-Liberja, min-naħa l-oħra, kienet prinċipalment meqjusa bħala baxxa. Hemm xi eċċezzjonijiet – pereżempju, VPA wieħed b'rilevanza potenzjali għolja għal pajjiż wieħed jew għal żewġ pajjiżi biss.

L-Awtoritajiet Kompetenti identifikaw bosta pajjiżi oħrajn li mhumiex involuti fi proċess ta' VPA bħala prijoritajiet għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-EUTR, inkluż l-Ukrajna, il-Federazzjoni Russa, iċ-Ċina, il-Brażil, il-Belarussja, il-Myanmar u s-Serbja.

2.5 Kooperazzjoni dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-EUTR

L-Artikolu 12 tal-EUTR jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni għall-iżgurar tal-konformità mal-EUTR u l-iskambju ta' informazzjoni dwar nuqqasijiet serji skoperti matul il-kontrolli u dwar il-pieni li ġew imposti fuq livell nazzjonali. Sebgħa u għoxrin pajjiż irrapportaw li jaħdmu flimkien ma' aġenziji nazzjonali sabiex jiskambjaw informazzjoni jew jikkoordinaw kontrolli konġunti, b'mod partikolari aġenziji doganali jew tat-taxxa, awtoritajiet CITES, u l-pulizija jew aġenziji oħrajn ta' infurzar.

Barra minn hekk, 25 pajjiż irrapportaw li jaħdmu flimkien ma' Awtoritajiet Kompetenti oħrajn u istituzzjonijiet tal-UE. Dan kien l-iktar relatat mal-parteċipazzjoni f'laqgħat tal-Grupp ta' Esperti EUTR-FLEGT, l-użu tal-pjattaforma online tal-Awtoritajiet Kompetenti EUTR-FLEGT ġestita mill-Kummissjoni, il-kollaborazzjoni mal-Kummissjoni u l-parteċipazzjoni fil-kooperazzjoni Nordika-Baltika.

Skambju ta' informazzjoni ma' istituzzjonijiet f'pajjiżi minn barra l-UE, b'mod partikolari fl-Istati Uniti, u ma' NGOs kien irrapportat f'16-il pajjiż.

2.6 Riżorsi disponibbli għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-EUTR

Ir-riżorsi umani u finanzjarji disponibbli għall-Awtoritajiet Kompetenti sabiex jimplimentaw u jinfurzaw l-EUTR varjaw ħafna bejn il-pajjiżi, għalkemm huwa diffiċli li r-riżorsi rrappurtati jitqabblu minħabba l-livelli differenti ta' dettalji pprovduti mill-pajjiżi. Ir-riżorsi umani kkombinati varjaw minn wieħed minn tmienja (0.125) ta' ekwivalenti full-time (FTE) għal 20 FTEs[15] għal injam importat u domestiku, għalkemm il-persunal ewlieni huwa appoġġjat minn riżorsi umani addizzjonali f'firxa ta' pajjiżi. Ir-riżorsi finanzjarji disponibbli jvarjaw ħafna hekk kif il-baġits jidhru li huma limitati ħafna f'xi pajjiżi. Għaxar pajjiżi rrapportaw li ma kien hemm l-ebda baġit speċifiku għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-EUTR; mhuwiex ċar liema minn dawn il-pajjiżi m'għandhomx għalfejn iżommu ma' limitu massimu speċifiku u liema pajjiżi ma ġewx allokati baġit speċifiku.

[14] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1387 tad-9 ta' Ġunju 2016 li jemenda l-Annessi I u III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005 wara Ftehim ta' Sħubija Volontarju mal-Indoneżja għal skema ta' liċenzjar FLEGT għall-importazzjonijiet ta' injam lejn l-Unjoni Ewropea, C/2016/3438, ĠU L 223, 18.8.2016, p. 1–9.

[15] In-numru għoli ta' persunal irrappurtat mill-Italja, mil-Latvja u possibbilment oħrajn jista' jkun ibbażat fuq l-inklużjoni tal-persunal doganali jew tal-ispetturi forestali b'mod ġenerali.

3. Assistenza teknika għal u żvilupp tal-kapaċità tal-operaturi

Matul il-perjodu ta' rappurtar, 24 pajjiż ipprovdew assistenza u taħriġ lill-operaturi, prinċipalment permezz ta' korsijiet, lekċers jew seminars, segwiti mill-għoti ta' informazzjoni online. L-aktar tip ta' taħriġ irrappurtat b'mod frekwenti kien l-għoti ta' informazzjoni dwar l-obbligi tal-operaturi skont l-EUTR (24 pajjiż) segwit mill-għoti ta' gwida speċifika dwar kif tiġi implimentata sistema tad-diliġenza dovuta (20 pajjiż), u gwida dwar il-proċess ta' kontrolli tal-implimentazzjoni tal-obbligi skont ir-Regolament (16-il pajjiż). Erba' pajjiżi rrappurtaw li huma ma kinux taw taħriġ lill-operaturi matul il-perjodu ta' rapportar.

In-numru rrappurtat ta' operaturi milħuqa minn dawn l-attivitajiet varja bejn il-pajjiżi, minn sebgħa (Ċipru) għal 4 000 (il-Ġermanja). Il-proporzjon ta' operaturi li rċevew taħriġ li kienu mikrointrapriżi u intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) varja minn żero (Ċipru, il-Ġermanja, il-Greċja, in-Norveġja u r-Rumanija) sa 100 % (ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Italja u l-Iżvezja); bħala medja, l-SMEs kienu jammontaw għal 59 % tal-operaturi milħuqa (għal dawk il-pajjiżi, li pprovdew numri dettaljati ta' operaturi milħuqa).

4. Konklużjonijiet

Dan it-tielet rapport dwar l-implimentazzjoni tal-EUTR jiżvela progress wara sitt snin mill-applikazzjoni tiegħu. Il-pajjiżi kollha jikkonformaw mar-rekwiżiti formali tal-EUTR. Matul il-perjodu ta' rappurtar, l-għadd ta' kontrolli mwettqa fuq operaturi domestiċi baqa' kważi l-istess meta mqabbel mal-perjodu preċedenti, filwaqt li l-kontrolli fuq l-operaturi importaturi żdiedu. B'mod ġenerali, is-sanzjonijiet applikati għal ksur tal-EUTR bħala perċentwal tal-kontrolli kollha mwettqa naqsu.

Minkejja l-progress, hemm bżonn ta' sforzi kontinwi sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi u effettiva tal-EUTR fil-pajjiżi kollha. L-implimentazzjoni mhux uniformi jista' jkollha implikazzjonijiet potenzjali kemm f'termini tal-effettività tal-leġiżlazzjoni kif ukoll ta' kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi tas-suq. F'bosta pajjiżi, in-numru ta' kontrolli baqa' relattivament baxx meta mqabbel man-numru ta' operaturi, u hemm dubju jekk numru daqstant baxx ta' kontrolli jistax iħalli effett verament diswassiv fl-industrija. Barra minn hekk, għandu jsir sforz ulterjuri sabiex jiġi żgurat li l-ambitu u l-kwalità tal-kontrolli mwettqa jirriflettu approċċ iktar konsistenti madwar l-UE.

Filwaqt li sar progress f'ċerti pajjiżi, il-livell attwali ta' kapaċità teknika u riżorsi (kemm umani kif ukoll finanzjarji) allokati lill-Awtoritajiet Kompetenti mhux dejjem jikkorrispondi għall-ħtiġijiet u għandu jissaħħaħ fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri sabiex jiżdied kemm in-numru kif ukoll il-kwalità tal-kontrolli tal-konformità.

Abbażi tal-esperjenza tal-Istati Membri, l-evidenza ta' kif il-VPAs jgħinu fl-implimentazzjoni tal-EUTR hija żgħira.